MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 1331/2003

Kawza fil-lista: 18

**A B**
**Vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Billi l-kontendenti zzewgu fil-Knisja Parrokjali tal-Mellieha fid-9 ta’ Mejju 1992;

Billi l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-eskussjoni posittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga;

Billi in oltre, l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Billi l-kontendenti ssimulaw l-kunsens taghhom ghal dan iz-zwieg;

Billi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat fil-Knisja Parrokjali tal-Mellieha fid-9 ta' Mejju 1992 huwa null u bla effett skond il-ligi.

Tghid il-konvenuta l'ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet hawn fuq premessi:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fid-9 ta' Mejju 1992 huwa null u bla effett legali u sussegwentement taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.
Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li bih l-konvenuta eccepiet:

1. Illi huwa minnu illi l-kunsens tal-attur kien vizzjat b'mod illi z-zwieg innifsu gie eskluz posittivament, esista difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u il-kunsens tal-partijiet kien stimulat;

2. Bla pregudizzju, ix-xhieda indikati bhala "Hbieb u qraba tal-kontendenti" hija indikazzjoni vaga u kontra l-ligi, u ghalhekk m'ghandhomx jinstemghu xhieda prodotti mill-attur, hlief l-attur stess.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fid-9 ta' Mejju 1992 il-partijiet ikkuntrattaw zwieg civili, meta l-attrici kien ghad kellha 18 il-sena u l-attur kellu 21 sena. Huwa pacifiku bejn il-partijiet li dawn kienu sar jafu lil xulxin fis-sajf tas-sena 1991 u f' Dicembru ta' dik l-istess sena l-attrici harget tqila. Konsegwenzjalment il-partijiet iddecidew li jizzewgu, u di fatti erba xhur wara, sar iz-zwieg u matulu l-kontendenti kellhom zewgt itfal. Fl-ewwel snin taz-zwieg huma kienu jghixu fir-residenza tal-genituri tal-konvenuta, u dana peress li ma kienux fil-posizzjoni finanzjarja li jakkwistaw post ghal rashom.

Fis-sena 2000, wara seba [7] snin ta' zwieg, l-partijiet dahhlu f' kuntratt ta' separazzjoni.

Illi in sostanza il-versjoni tal-attur hija fis-sens li meta sar jaf li l-konvenuta kienet harget tqila huwa oggezzjoni ghall-ideja li kienet esprimiet mieghu li tabortixxi, u eventwalment iddecidew li jizzewgu. Il-genituri taghhom kienu qabblu ma' din id-decizjoni, u fl-ewwel tlett snin taz-zwieg marru jghixu ghand il-genituri tal-konvenuta. L-attur isostni li wara z-zwieg huwa baqa' jahdem sighat twal, u sussegwentement "bdejt nirrealizza illi ma kontx nafha bhala persuna lill-konvenuta". Huwa jallega li wara seba snin taz-zwieg huwa nduna li l-konvenuta kellha relazzjoni extra maritali, u eventwalment wasslu ghas-separazzjoni personali fis-sena 2000, u cioe' wara li kienu ilhom mizzewgin flimkien circa tmien snin. Huwa cahad li jittraskura lit-tfal tieghu.

Fid-deposizzjoni tieghu[1] tat-28 ta' Ottubru 2005, l-attur fil-kontro ezami jinnega li huwa kien insista ma' l-attrici li jizzewgu. Huwa jghid: ".. illi wasalna ghaz-zwieg targa, wara targa, u mhux li jiena qaghad noqghod ninsisti biex nizzewgu."[2] Jichad ukoll li huwa kien vjolenti fil-konfront

[1] Fol.45
[2] Fol.48

tal-konvenuta. Huwa jsostni li l-konvenuta kellha relazzjoni ma’ persuna ta’ nazzjonalita’ barranija.
Rigward ir-raguni li waslitu biex jiehu d-decizjoni li jizzewwg lill-konvenua, l-attur jghid hekk: “Jiena zzewwigtha biss minhabba l-fatt illi kienet tqila, u l-istess hi….. ahna zzewwigna u ma konniex nhobbhu lil xulxin, din hija l-affari kollha.”[3]

Il-versjoni tal-konvenuta minn naha l-ohra titfa’ diversi htijiet jew nuqqasijiet fuq l-attur. Hija ssostni li kien l-attur li kien ghamel pressjoni fuqha biex tizzewweg meta sar jaf li kienet tqila. Hija tghid li mill-bidu tat-tqala l-attur kellu seba mitt sena biex jizzewwiga. Fl-affidavit taghha tghid fuqu “li qabel iz-zwieg kollox kien miexi harir. Kien juri li japprezzani u jirrispettani u kont nghid lili nnifsi li al menu hu ragel sew li jpoggi lili u r-relazzjoni taghna l-ewwel u qabel kollox.”[4] Izda fil-parti konkluzjonali ta’ l-istess affidavit tghid: “… izzewwigt kontra l-volonta’ tieghi minhabba l-pressjoni, anke theddid, da parte ta’ A..”[5]

Fid-deposizzjoni taghha l-konvenuta, waqt li tirribadixxi l-allegazzjoni taghha li hija kella pressjoni minn naha ta’ l-attur biex tizzewweg, fl-istess waqt tghid: “Jiena ppartecipajt fiha l-idea [taz-zwieg] u hsibt li maghhom kon ser insib xorti u kienet haga li huwa ried izjed minni, u minn daqshekk kont izjed trankwilla. Jiena stajt waqqaftu at any time ghaliex lanqas kelli pressjoni lanqas mill-genituri tieghi” tkompli tghid li ohta kienet harget tqila qabel iz-zwieg u baqghet mizzewga “ghal hmistax-il sena shah.”[6]

Fl-affidavit taghha l-konvenuta tallega li li l-attitudini ta’l-attur tbiddlet wara z-zwieg “minn lejl ghal nhar”. Hija tallega li dana kien biered fil-konfront taghha, litigjuz u anke aggressiv. Hija tghid li kien riluttanti li jkollu x’ jaqsmu maghha sesswalment, u ma setghetx tifhem ir-raguni ghal dan il-komportament. Izda tghid ukoll li meta kien ikollhom relazzjoni intima, hija kien ihossa “degradata

[3] Fol.52
[4] Aff. Fol.33
[5] Aff. Fol.35
[6] Aff. Fol.56 – sottolinear ta’ din il-Qorti.

u uzata." Tghid ukoll li "Parti mill-karattru ta' A kienet il-vjolenza."[7] ghalkemm fid-deposizzjoni taghha tghid li lilha qatt ma sawwatha.[8]

Minn naha taghha, tghid "Kont nipprova naghmel l-ilma jisfen u xorta wahda ma kien jikkuntenta b' xejn."[9] Hija tichad li kellha relazzjoni extra maritali, u tasserixxi li "qabel isseparajna dejjem bqajt fidila lejh."[10]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-attur qed jibbaza it-talba tieghu fuq il-kawzali li l-kunsens "tal-kontendenti"[11] kien vizzjat bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja konjugali fit-termini tal-paragrafu [f] tas-sub inciz [1] tal-Art.19 tal-Kap.255; kif ukoll minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, fit-termini tal-paragrafu [9] ta' l-istess Artikolu.

Il-konvenuta minn naha taghha tattribwixxi dawn il-capita nullitatis lill-attur, u tghid ukoll li l-kunsens "taz-zewg partijiet"[12] kien simulat.

Fl-ewwel lok il-Qorti ma tistax ma tosservax li fl-affidavit tal-konvenuta, kunsiderat fid-dawl tad-deposizzjoni taghha, hemm inkonsistenti lampanti, suesposti, rigwardanti fatturi ta' natura determinanti ghar-rizoluzzjoni tal-kaz odjern. Inoltre, ma rrizultax provat meta twieled it-tieni tifel tal-kontendenti, liema fattur seta' jitfa' aktar dawl fuq iz-zmien preciz meta beda l-inkwiet serjament u li inizjalment wassal ghas-separazzjoni konsenswali bejn il-partijiet.

---

[7] Aff. Fol.34
[8] Dep. Fol.57
[9] Aff. Fol.33
[10] Aff. Fol.35
[11] Fol.1 *tergo*
[12] Fol.2

Il-Qorti wara ezami akkurat tal-provi hija tal-fehma li ma thoss li tista taghti affidament ghal dak allegat mill-konvenuta, jew l-impressjoni li din riedet twassal bix-xhieda taghha, li l-attur nbidel mill-lejl ghan-nhar ezatt wara li dawn izzewgu. Ix-xhieda ta’ l-attur, il-konvivenza ta’ seba snin qabel ma nfirdu u t-twelid tat-tieni tarbija fil-frattemp, huma fatturi li jdghajjfu din it-tesi taghha.

F’ dan l-istadju jigi osserva li *onus probandi ei qui dicit non ei qui negat*, u konformament l-oneru tal-prova jirrisjedi fuq il-parti li tallega. Multo magis f’ kazijiet bhal dawn in disamina fejn tezisti fil-ligi presunzjoni legali dwar il-validita’ tal-kuntratt taz-zwieg, sakemm ma jigix muri l-kuntrarju bi provi sodisfacenti li jezistu, wiehed jew aktar, mill-capita nullitatis espressament kontemplati fil-ligi. Fil-kaz in disamina l-attur li qed jitlob l-annullament, sabiex jirnexxi fl-azzjoni tieghu, kellu l-obbligu li jipprova sodisfacentement l-esistenza ta’ wiehed jew izjed mill-capita nullitatis kontemplati fl-Artikolu 19 [1] u senjatament dawk kontemplati fil-paragrafi [d] u [f] minnu allegati.

Illi rigward il-kawzali bazata fuq il-paragrafu [f] dik ta’ simulazzjoni tal-kunsens jinsab assodat fil-gurisprudenza li is-simulazzjoni tiehu l-forma ta’ dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala *colorem habens substantiam vero nullam* li b’ konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Jkun hemm simulazzjoni f’ kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b’ att pozittiv tal-volonta’ taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta’ essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] *[PA Muscat vs Borg Grech – 14.08.1995; Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996] [PA Brigitte Veneziano Broccia vs Avk. Dr.Joseph Sammut noe deciza 9.12.2002].* Jinsab ukoll assodat li f’ materja ta’ qerq l-principju jibqa’ dak sancit fl-Art.981[2] tal-Kap.16, jgifieri li l-ghemil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat.

Ghalhekk sabiex l-attur jirnexxi f’ din il-kawzali, u sabiex il-konvenuta tirnexxi fl-eccezzjoni taghha li l-kunsens “tal-

partijiet kien simulat" jiehtieg li jigi provat sodisfacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, iz-zewg kontendenti, jew parti minnhom, internament kienet qed teskludi b' att posittiv tal-volonta' taghha jew iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg li huma il-*bonus fidei, il-bonus prolis u l-bonus vitae*, ossia l-unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied, u l-ben essere reciproku.

Minn ezami akkurat tal-provi ma jirrizultax provat li, <u>fil-mument tal-ghoti tal-kunsens</u>, xi parti eskludiet b' att posittiv tal-volonta' taghha dawn l-obbligazzjonijiet jew xi element essenzjali taz-zwieg. Jirrizulta li meta l-partijiet ddecidew, wara li l-konvenuta harget tqila, li jizzewwgu huma hadu decizjoni bazata fuq dak li hasbu li kien sewwa u di fatti ftehmu li ghal gid tat-tnejn ikun ahjar li jmorru jghixu mal-genituri tal-konvenuta, ghexu flimkien u kellhom tarbija ohra matul is-seba snin zwieg qabel is-separazzjoni. Minn imkien ma jirrizulta li dan il-*caput nullitatis* jissussiti fil-konfront ta' xi hadd mill-partijiet, u ghalhekk din il-kawzali ta' l-attur u l-eccezzjoni tal-konvenuta ma jirrizultawx provati skond il-ligi – anzi l-provi juru l-kuntrarju.

Jigi ribadit li l-ezami ta' din il-kawzali tirrikjedi ezami ta' dak li sehh fil-mument tal-ghoti tal-kunsens; u dawk il-problemi li <u>zvuluppaw jew nibbtu</u> <u>wara</u> dan il-mument u cioe' matul il-hajja matrimonjali taghhom jistghu jkunu rilevanti ghal pretensjonijet ohra, inkluzi dawk li jaghtu lok ghal separazzjoni personali, izda mhux ghal dik in ezami bazata fuq il-kunsens vizzjat fil-mument tal-ghoti tal-kunsens.

Din il-konsiderazzjoni tapplika wkoll ghat-tieni kawzali, dik bazata fuq allegat difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kontemplata fil-paragrafu [d].

Illi t-tieni kawzali ta' l-attur fil-konfront tal-konvenuta, u eccezzjoni ohra tal-konvenuta fil-konfront ta' l-attur hija bazata fuq paragrafu [d] tal-imsemmi Artikolu li fl-ewwel parti tieghu jikkontempla l-kaz ta' "difett serju ta'

diskrezzjoni ta’ gudizzju” kemm fuq il-hajja matrimonjali, kif ukoll ukoll fuq d-drittijiet u obbligazzjonijiet li din l-unjoni timporta.

In propositu gie osservat fil-kawza *“App.C. Joseph Spiteri vs George Spiteri [*Vol.LXXXV.II.81]* illi: “Jinsab assodat fil-gurisprudenza li jkun hemm difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b’ mod sostanzjali, ossia “gravi”, minn dik il-fakolta’ kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita’ affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Ghalhekk difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju mhux semplicement nuqqas ta’ hsieb, jew nuqqas ta’ riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizzjonijiet zbaljati [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettamet kompatibbli ma’ diskrezzjoni ta’ gudizzju – *PA [21.11.1995] Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri]* “Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkun irrflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju *[PA Selina Maria Vella Haber vs Joseph Gatt – 15.4.1996]*

Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19[1][d] irid ikun hemm l-inkapacita’ psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jagharaf u jirrifletti u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali”

Konformament mal-premess sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi fuq din il-kawzali, jehtieg li jigi provat sodifacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens , il-partijiet jew wiehed minnhom, kien affett minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali li din timporta. “In altri termini e’ necessaria la discrezione non tanto per l’ atto in se al momento di emettere il consenso, quanto per gli

impegni che da quell'atto derivanto. Una discrezione che impegni per il futuro." *[Bersini -citat fil-kawza PA Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri deciza 4.11.1994]* L-obbligazzjonijiet essenzjali fil-hajja matrimonjali huma bazati fuq il-kuncett ta' unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Din il-kapacita' li jassuma dawn l-obbligi ghandha tezisti fiz-zewg partijiet. *[PA Charles Atkins vs Matilde Atkins deciza 2.10.2003].*

Izda la decizjoni zbaljata u lanqas kull stat ta' immaturita' ma huma sufficjenti sabiex jintegraw din il-caput nullitatis. Kif jinsab ritenut fil-kawza *PA Christine Ellul vs Brian Ellul deciza 21.10.2002*, "jekk l-ghazla singolari jew kongunta tal-partijiet kienet zbaljata, dan m' ghandux iwassal sal punt li z-zwieg jisthoqqlu li jkun annullat. Mod iehor dan il-kuntratt hekk serju, ghax maghmul skond il-ligi u li jikkostitwixxi l-ligi ta' bejniethom [kif hekk jesprimi l-Art.992] jigi stultifikat u rez insinifikanti. Kapaci wkoll jservi ta' pretest ghal kull min iz-zwieg tieghu ma jirnexxiex biex jannulla kuntratt li jisthoqlu invece jibqa' fis-sehh".

Rigward l-fattur tal-livell tal-maturita' jew in-nuqqas taghha, gie ritenut illi "B' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur ried maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita' tal-partijiet li jaghtu l-kunsens liberu u xjenti taghhom ghar-rabta taz-zwieg" *[PA Spiteri vs Spiteri – 4.11.1994]*

Illi ghalhekk ghaz-zwieg ma hemmx bzonn li parti jkollha xi livell gholi ta' maturita', izda ta' l-anqas il-livell irid ikun tali li dik l-istess parti tkun kapaci taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg *[ PA Melanie Borg Cardona vs Joseph Borg deciza 29.10.2003]*

Il-premess, applikat ghall-fatti tal-kaz in disamina, iwassal ghall-konkluzjoni li din il-kawzali ma tinsabx sostnuta mill-provi. Ma jirrizultax provat li qabel iz-zwieg u senjatament, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens l-attrici jew il-konvenut kienu inkapacitati minn difett serju ta' diskrezzjoni fit-termini tal-artikolu precitat.

Huwa minnu li meta dawna hadu d-decizjoni li jizzewgu huma kienu ghadhom ta' eta' zghira, izda dan wahdu ma jwassalx ghal difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. "Il-ligi tippresumi li gjaladarba l-parti li tkun ser tidhol ghaz-zwieg tkun lahqet l-eta' stabbilia mill-istess ligi biex tizzewweg, hi jkollha diskrezzjoni ta' gudizzju bizzejjed biex taghti kunsens validu ghar-rabta matrimonjali, salv naturalment li jista' jigi ppruvat il-kuntrarju." *[Vol.LXXV.II.81].* Inoltre, ma rrizzultax li kien hemm livell ta' maturita' tant baxxa li il-partijiet jew xi wahda minnhom, kienet fl-inkapacita' psikika li taghraf u tirrifletti fuq id-dmirijiet u u drittijiet tal-hajja konjugali u jiddecidu liberament fuq l-ghoti tal-kunsens matrimonjali.

Il-Qorti tosserva li l-provi juru l-kuntrarju. Ghalkemm, wara li harget tqila l-konvenuta, dawna iddecidew li jizzewgu fi zmien qasir, mill-provi ma jirrizultax li dawna ma kienux konxji ta' dak li kienet timporta l-hajja konjugali. Hija opportuna wkoll l-osservazzjoni maghmula mill-attur fid-deposizzjoni tieghu " … illi ahna wasalna ghaz-zwieg targa, wara targa, u mhux li jiena qaghad noqghod ninsisti biex nizzewgu."[13] Dan juri li, ghalkemm l-affarijiet saru fi zmien qasir, xorta wahda ma sarux bl-addocc u minghajr riflessjoni. Dan jinsab konfortat mill-konvenuta wkoll meta fl-affidavit tghid li qabel iz-zwieg "kont nghid lili nnifsi li al menu hu ragel sew li jpoggi lili u r-relazzjoni taghna l-ewwel u qabel kollox."[14] Dan juri li meta hadet id-decizjoni li tizzewweg lill-attur hija kienet ghamlet riflessjonijiet fuq il-hajja konjugali ma' l-attur, u waslet ghad-decizjoni li tinghaqad fiz-zwieg mieghu. Lanqas jista' jigi validament allegat li d-decizjoni tal-konvenuta ma kienitx libera, stante li fi kliemha stess "Jien stajt waqqaftu any time ghaliex

[13] Fol.48
[14] Supra

lanqas kelli pressjoni lanqas mill-genituri tieghi."[15] In konkluzjoni fuq dan l-aspett il-Qorti tosserva li mill-provi ma rrizultatx l-ezistenza ta' dik l-inkapacita' kostitwenti difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju li tissodisfa l-vot ta' paragrafu [d] u ghalhekk lanqas din il-kawzali ma tinsab sodisfatta.

Illi in vista tal-premess l-Qroti hija tal-fehma li l-pretensjoni ta' l-attur ma hix sostnuta minn provi sodisfacenti, u ghalhekk ma timmeritax li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[15] Supra